14 ta' Diċembru, 1951.

Imħallef:

L-Onor. Dr. A.J. Montanaro Gauci, LL.D.

Il-Pulizija *versus* George Vigo

**Traffiku — Dritt taċ-Ċittadin li ma jagħtix Informazzjonijiet li jistgħu Jinkriminawh — Art. 16 tal-Kap. 105, u Reg. 61 tar-Regolamenti tat-Traffiku.**

*L-obligu ta' sid ta' karrozza li jagħti lill-Pulizija informazzjoni dwar*

*xi kontravvenzjonijiet kommessi in konnessjoni mas-sewqan tal-karrozza jieqaf meta jiġi f'konflitt mad-dritt fondamentali taċ-ċittadin li ma jesponix ruħu għal proċedimenti kriminali u li ma jiġix imġiegħel jagħmel konfessjonijiet li jippreġudikawh f'ġudizzju eventwali kriminali kontra l-volontà tiegħu.*

*Għax is-setgħa mogħtija mill-liġi dwar it-traffiku lill-Kummissarju tal-Pulizija ma tistax tiftiehem fis-sens li tagħtih b'regolament is-setgħa li jidderoga għall-prinċipji fondamentali tad-Dritt Publiku rikonoxxuti f'dan il-pajjiż.*

Fuq l-akkuża miġjuba mill-Pulizija kontra l-imputat talli, bħala s-sid tal-motor car nru. 6377, naqas jagħti informazzjoni lill-Pulizija, meta kien mitlub, ta' min kien isuq l-istess car The Mall u Great Siege Road, Floriana, fit-23 ta' Settembru 1951, għal xis-7.15 p.m., u li dan għamel kontravvenzjoni, il-Qorti Kriminali tal-Maġistrati tal-Pulizija Ġudizzjarja ta' Malta, b'sentenza tad-9 ta' Ottubru 1951, wara li kkunsidrat li mix-xhieda ta' l-imputat mhux kontradetta jirriżulta li, jekk igħid min kien isuq il-karrozza fil-post u fil-ħin in kwistjoni, jista' jippreġudika ruħu, u illi huwa prinċipju ġuridiku li ħadd ma jista' jiġi obligat jagħti informazzjonijiet kontra tiegħu tess, illiberat lill-imputat;

L-Attorney General appella;

Il-Qorti rat l-attijiet tal-kawża, u semgħet sew l-Avukat tal-Kuruna kemm l-avukat ta' l-imputat;

Fil-fehma tal-Qorti, l-Ewwel Qorti interpretat tajjeb il-liġi. L-art. 61 tar-Regolamenti tat-Traffiku għandu jiftiehem fis-sens li l-obligu ta' sid il-karrozza li jagħti l-informazzjoni lill-Pulizija jieqaf meta jiġi f'konflitt mad-drittijiet fondamentali taċ-ċittadin li ma jesponix ruħu għal proċediment kriminali, u li ma jiġix imġiegħel jagħmel konfessjonijiet li jippreġudikawh f'eventwali ġudizzju kriminali kontra l-volontà tiegħu. U tabilħaqq, il-liġi lanqas tirrikonoxxi ebda valur lill-konfessjonijiet estorti u mhux volontarji. L-uniku każ li l-Kodiċi Kriminali jikkontempla deroga għal dak il-prinċipju huwa l-każ ta' ġudizzju fuq reat ta' għoti ta' post għal-logħob ta' l-azzard (art. 639). Iżda anki hawn il-liġi tipprovdi ħafna salvagwardji u benefiċċju tax-xhud; u dana jkompli jsaħħaħ il-prinċipju fondamentali msemmi mill-Ewwel Qorti;

Li kieku l-art. 61 kellu jiftihem estiżament, kif isostni

l-appellant, il-konsegwenza kienet tkun manifestament antiġuridika, u mhux preżumibili li l-leġislatur ried dan; u fil-fehma tal-Qorti, il-liġi, fl-art. 16 tal-Kap. 105 tal-Liġijiet, li tagħti lill-Kummissarju s-setgħa li jagħmel regolamenti dwar it-traffiku ta' motor cars, lanqas tista' tiftihem fis-sens li tagħti lill-Kummissarju s-setgħa li b'regolament jidderoga għall-prinċipji fondamentali tad-Dritt Publiku rikonoxxuti f'dan il-pajjiż;

Għal dawn ir-raġunijiet il-Qorti tiċħad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata.

---